# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 1154/14/1 LM**

**Matthew Cilia u Joshua Cilia**

**v.**

**Joseph Azzopardi**

1. L-atturi xtraw dgħajsa bl-isem ta' Princess Sharon u mutur tal-għamla Evinrude bis-saħħa ta' ftehim datat 31 ta' Lulju 2014. F'din il-kawża l-atturi qed jallegaw li din id-dgħajsa mhijiex tal-kwalità patwita u li hija afflitta min-numru ta' difetti latenti, u li għalhekk ma sservix l-użu li kien intiż għaliha u li wassal lill-atturi biex jixtruha. L-atturi jsostnu li l-konvenut kien jaf b'dawn id-difetti meta xtraw id-dgħajsa msemmija iżda naqas milli jwissihom dwarhom, u jallegaw li minkejja li għamlu diversi

tentattivi sabiex jaslu għall-ftehim bonarju mal-konvenut, il-konvenut wera li huwa ma kienx lest li jonora l-obbligi tiegħu skont il-liġi.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li d-dgħajsa bl-isem ta' Princess Sharon, bin-numru ta' reġistrazzjoni SSR 140744, bil-mutur tal-għamla Evinrude 225HP, ma jaħdmux kif suppost, ma humiex tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet u separatament għal dan ma humiex assolutament tajbin għall-użu intiż għalihom u li għalih inxtraw;
>
> 2. Tiddikjara u tordna li l-kuntratt ta' bejgħ tad-dgħajsa de quo, jiġi rexiss;
>
> 3. Tordna lill-konvenut, in vista tal-obbligazzjonijiet rispettivi tiegħu, jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef Euro (€6,125) (sic) rappreżentanti spejjeż u pagamenti minnhom inkorsi għall-akkwist tal-istess dgħajsa meritu tal-kawża odjerna;
>
> Bl-ispejjeż u bl-interessi dovuti skont il-liġi".

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla għaliex l-atturi ma jistgħux jitolbu dikjarazzjoni li d-dgħajsa mhijiex tal-kwalità patwita, u fl-istess waqt jitolbu ħlas tad-danni rappreżentanti spejjeż u pagamenti magħmula minnhom, filwaqt li jżommu d-dgħajsa fil-pussess tagħhom, li mhuwiex minnu li d-dgħajsa Princess Sharon ma kinitx tal-kwalità patwita għaliex id-dgħajsa ġiet mibjugħa *tale quale* u l-atturi marru jarawha kemm-il darba nkluż ma' terzi, li kieku kien minnu li hu kien jaf b'xi difett li kellha d-dgħajsa ma kienx jaċċetta li l-atturi jħallsu għaliha permezz ta' pagamenti mensili, iżda kien jeżiġi pagament sħiħ mill-ewwel, u li kien hu stess li sofra preġudizzju għaliex il-*jet ski* tal-atturi li kien parti min-negozju ta' bejgħ ma kienx tal-kwalità patwita u miftehma.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Marzu 2017 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, min-naħa l-oħra qiegħda tiċħad it-talbiet tal-atturi fil-mertu, bl-ispejjeż kontra l-atturi".

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-17 ta' April 2017, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha safejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, filwaqt li tirrevokaha safejn ċaħdet it-talbiet attriċi, u minflok tilqa' l-istess talbiet.

6. Il-konvenut ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fid-9 ta' Mejju 2017, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

**Ikkonsidrat:**

7. L-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u li anzi għamlet asserzjonijiet li mhumiex ibbażati fuq applikazzjoni korretta tal-liġi jew interpretazzjoni tajba tal-fatti. L-atturi jargumentaw li ma kienx hemm bżonn li jkun hemm indikat fl-iskrittura ta'

bejgh li d-dgħajsa kienet "*e-tech"* għaliex fuq il-magna tad-dgħajsa kien hemm *sticker* li kienet tindika li d-dgħajsa hija fil-fatt "*e-tech*", u jżidu li l-fatt li l-iskrittura ma fiha l-ebda deskrizzjoni tad-dgħajsa juri li d-deskrizzjoni tagħha kienet saret verbalment. Jargumentaw illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti meta għażlet li temmen lill-konvenut li ma kien sar l-ebda diskors dwar jekk id-dgħajsa kinitx "*e-tech",* u jgħidu li l-konvenut kien evażiv fix-xhieda tiegħu u pprova jevita li jgħid x'kien spjega lill-atturi meta marru jsaqsu dwar id-dgħajsa, u jżidu wkoll li x-xhieda tal-attur tal-5 ta' Ġunju 2015 tikkontradiċi din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti. Jargumentaw ukoll li għalkemm huwa minnu dak li tgħid l-Ewwel Qorti li jekk kien daqstant importanti għalihom li d-dgħajsa tkun *e-tech* kellhom iniżżlu din il-kwalità fl-iskrittura, il-fatt li ma sarx dan ma jnaqqasx mill-obbligu legali tal-konvenut li jassigura li kien qiegħed ibiegħ dgħajsa bil-kwalitajiet miftehma, irrispettivament mill-fatt li skont hu ma kienx jifhem fihom. Fir-rigward tas-*surveyor's report*, li kien jindika li kien kollox sew fid-dgħajsa, jgħidu li dan ir-rapport ma kienx komplut u l-konvenut kien *in mala fede* meta ppreżenta dan ir-rapport mhux komplut. Jargumentaw li mhux minnu li kienu huma li ppruvaw jingannaw lill-konvenut biex għamlu tpartit ta' *jet ski,* għaliex il-provi juru l-oppost ta' dan billi l-iskrittura tal-31 ta' Lulju 2014 issemmi "*jet ski* li jissewwa" li juri li huma ddikjaraw li l-*jet ski* kellu l-ħsara u li jissewwa, u jżidu li fil-fatt l-ewwel darba li l-konvenut ra dan il-*jet ski* kien għand *mechanic.* Jilmentaw dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-konvenut huwa kredibbli għaliex

aċċetta li d-dgħajsa titħallas permezz ta' pagamenti mensili, u jgħidu li din kienet biss kwistjoni ta' *business* biex il-konvenut ma jitlifx bejgħ, u li hija konswetudini kummerċjali f'dan is-settur li l-bejgħ isir b'*hire purchase* u/jew modalità ta' ħlas.

8. Il-konvenut jirribatti li quddiem l-Ewwel Qorti huwa dejjem tenna l-istess verżjoni, u ċioè li d-dgħajsa kienet qed tinbiegħ *tale quale* u li ma kellha l-ebda problema, u li kien wara li l-atturi għamlu sajf jużawha li bdew jallegaw li d-dgħajsa mhijiex tal-kwalità patwita. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li kieku kien verament daqstant importanti għall-atturi li d-dgħajsa tkun *e-tech* l-atturi kienu jinsistu li din il-kwalità titniżżel fl-iskrittura ta' bejgħ. Jargumenta wkoll li peress li ma tressqet l-ebda prova oġġettiva li l-magna tad-dgħajsa hija *e-tech* l-Ewwel Qorti kellha toqgħod fuq il-verżjoni tax-xhieda u l-atturi ma kinux xhieda affidabbli. Dwar l-argument tal-atturi li r-rapport tas-*surveyor* mhuwiex komplut jirribatti li din il-kwistjoni qatt ma tqajmet quddiem l-Ewwel Qorti u għalhekk l-atturi ma jistgħux iqajmuha issa fi stadju ta' appell. Jgħid li l-atturi kienu ppruvaw jippreġudikawh sa minn qabel bdew dawn il-proċeduri, billi kienu taw struzzjonijiet lill-mekkanik biex jgħidlu li l-*jet ski* kellu biss ħsara fil-*kit* tal-karburaturi, meta kienu jafu li kien fih ħsara akbar, fatt li l-mekkanik kien ammettih miegħu meta rrealiżża li hu kien qiegħed jissuspetta xi ħaġa. Il-konvenut jargumenta inoltre li l-atturi kellhom l-obbligu li jirritornaw jew jiddepożitaw id-dgħajsa inkwistjoni jekk

skont huma d-dgħajsa ma kinitx tal-kwalità patwita, u dan kif ġie diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "In-natura tal-azzjoni u kunsiderazzjonijiet ta' dritt
>
> Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut hi fis-sens li taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, meta x-xerrej jallega li l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita, l-atturi għandhom żewġ għażliet: jew li jaċċettaw l-oġġett u jitnaqqas il-prezz jew li ma jiġix aċċettat l-oġġett u jitlobu għad-danni. Fir-Risposta Maħlufa u fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, isir riferiment għas-sentenza fl-ismijiet John Mary Dalli vs. Grezzju Patiniott:
>
> > "Mill-banda l-oħra jekk il-kompratur jagħzel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi kif trid il-liġi għal fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalità pattwita, il-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabbilment il-posizzjoni tiegħu".
>
> [*omissis*]
>
> Illi fil-kawża fuq imsemmija t-talbiet attriċi kienu għal dikjarazzjoni li l-oġġett ma kienx tal-kwalità pattwita, għal-likwidazzjoni ta' danni u ħlas tad-danni hekk likwidati u għalhekk kienet taqa' eżattament fil-parametri tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16.
>
> Illi fil-kawża odjerna però, filwaqt li l-ewwel talba hi għal dikjarazzjoni li d-dgħajsa u l-mutur mhux tal-kwalità miftiehma, iżda wkoll li ma jaħdmux kif suppost u mhux tajbin għall-użu intiż, dak li qed jintalab fit-tieni talba mhuwiex dak li huwa previst fl-artikolu 1390 – ir-rifjut tal-oġġett u talba għad-danni, iżda talba għar-rexxissjoni tal-bejgħ u għar-rifużjoni tal-ispejjeż u pagamenti li saru mill-atturi u għaldaqstant fl-azzjoni odjerna ma jikkonfigurax l-artikolu 1390 iżda tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili. Konsegwentement ma jistax jingħad li l-azzjoni attriċi hi irrita u nulla għax l-atturi ma ddepożitawx id-dgħajsa taħt l-awtorità tal-Qorti.
>
> Ir-rimedji miftuħin għall-atturi xerrejja f'każ bħal dan huwa dawk imsemmija fis-sentenza fl-ismijiet Anthony Pace Asciaq Anthony et. vs. Camilleri Joseph et.:
>
> > "Minn dak rinvenut fil-Kodiċi Ċivili jirriżulta li r-rimedji miftuħa lix-xerrej f'każ ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427, rimedji li fil-każ tal-ewwel artikolu bażat fuq in-nuqqas tal-kwalità mwegħda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ, li jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob ukoll id-danni, jew li jirċievi

> l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-każ tat-tieni, bażat fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, il-liġi wkoll tassenjalu d-dritt tal-għażla wara r-riċezzjoni tal-oġġett, jiġifieri jew li jirreċedi mill-bejgħ bl-azzjoni redibitorja jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti u li tirrappreżenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejħa estimatorja. Huma dawn ir-rimedji li l-liġi tipprrovdi lix-xerrej".

Illi l-atturi għalhekk għażlu li jirrikorru għar-rimedju pprovdut bl-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, kif affermaw l-atturi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, liema rimedju jipprefiġġi terminu ta' sitt xhur mid-data li x-xerrej isir jaf bid-difett sabiex issir it-talba. Din il-kawża fil-fatt ġiet istitwita fit-18 ta' Diċembru, 2014 filwaqt li l-bejgħ kien sar fil-31 ta' Lulju, 2014 u għalhekk lanqas biss kienu għaddew is-sitt xhur mill-bejgħ innifsu, wisq inqas minn meta saru jafu bid-difett jekk tassew dan kien każ ta' difett moħbi. Peress illi l-atturi għażlu li jirrikorru għar-rimedju pprovdut bl-artikolu 1427 tal-Kap. 16, issa jistgħu biss isibu suċċess f'din il-kawża jekk jippruvaw kif qal l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet:

> "... riedu jiġu ppruvati diversi elementi, u ċioè kif ġie ritenut fil-kawża bl-ismijiet Carmelo Abdilla vs. Auto Sales Limited mogħtija nhar l-għaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Prim'Awla tal-Qrati Ċivili:
>
>> Issa biex jirnexxi f'din l-azzjoni tiegħu, l-attur jeħtieġlu jipprova dawn l-elementi bażiċi:
>>
>> (i) il-vizzju fl-oġġett mixtri u fuq kollox li tali vizzju kien moħbi;
>>
>> (ii) li dan il-vizzju kien wieħed serju u ta' ċertu gravità;
>>
>> (ii) li kien pre-eżistenti għall-bejgħ (Vol. XXXVII P II p 742) jew eżistenti fil-mument tal-bejgħ (Vol. XLI P II p 1198); Emanuel Fava vs. Profs. John Mamo et. nomine. (PA 03/10/2003); Helen Micallef vs. Godfrey Debattista et. (PA 27/10/2005)".

[*omissis]*

Illi kwantu għall-użu tal-kliem tale quale, li bħal fil-kawża odjerna, ġie invokat mill-parti konvenuta, fis-sentenza suċitata ntqal dan li ġej:

> "Illi, fil-każ tal-lum, il-fatt li l-imħarrka kitbet il-kliem "talequali" fuq l-irċevuta, ma jeħlishiex – bħala bejjiegħa – b'daqshekk biss mill-obbligu tagħha ewlieni li tiggarantixxi l-bejgħ lill-attriċi. Kif ingħad mill-Qrati tagħna, dik il-frażi ma tiswiex daqs ftehim espress li l-bejjiegħ m'għandux ikun obbligat għall-ebda garanzija. Min-naħa l-oħra, ma għandux jintesa l-fatt li l-karozza li xtrat l-attriċi ma kinitx waħda ġdida. Kienet diġà bidlet l-idejn darbtejn qabel waslet f'idejha. F'każ bħal dan, u fejn ix-xerrej ikun jaf li l-oġġett mixtri kien diġà wzat, huwa aktar mistenni li jinqalgħu difetti milli kieku l-ħaġa kienet qegħda tinxtara ġdida fjamanta, l-aktar jekk l-istess difetti jkunu riżultat tal-użu tal-ħaġa;

> Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jeħtieġ li fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jitqies (a) jekk il-ħaġa mibjugħa (jiġifieri l-karozza) kinitx milquta minn vizzju redibitorju, u (b) jekk l-attriċi ġabitx ruħha b'mod li tista' ssostni t-talba tagħha";

Illi fil-kawża odjerna l-istess jista' jingħad dwar l-użu tal-frażi tale quale fil-ftehim bejn il-partijiet u ftit li xejn għandha tiġġjova lill-konvenut. Min-naħa l-oħra sabiex jiġi stabbilit jekk l-ispeedboat kenitx milquta b'difett redibitorju, għandhom jiġu eżaminati għal dan l-iskop il-provi miġjuba.

Kunsiderazzjonijiet fattwali

Illi bħalma inevitabbilment iseħħ f'ħafna kawżi, u din il-kawża żgur mhijiex eċċezzjoni, il-provi miġjuba miż-żewġ naħat kienu dijametrikament opposti għal xulxin. F'dan ir-rigward isir riferiment għas-sentenza fl-ismijiet Farrugia vs. Farrugia fejn intqal li:

> "il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs. Joseph Meilak fejn ingħad illi:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Ghax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli".

Illi jingħad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem min għandu jiddeċiedi huwa fattur ukoll importanti sabiex wieħed jara jekk dak li xhud ikun qiegħed jgħid għandux mis-sewwa jew le.

Illi l-Qorti mhijiex konvinta li l-atturi ma kinux jafu li l-mutur tad-dgħajsa ma kienx e-tech. Fi kwalunkwe każ l-atturi kellhom kull opportunità li jieħdu magħhom lil xi ħadd li jifhem biex jivverifika li d-dgħajsa kienet kif riduha huma. Il-Qorti temmen lill-konvenut meta xehed illi miegħu ma kien sar l-ebda diskors bħal dan.

Tqis ukoll illi jekk kien daqshekk importanti għall-atturi li d-dgħajsa li kienu qegħdin jixtru tkun e-tech u bil-fuel injection, huma kienu jiżguraw

illi dan kien jiġi speċifikat fl-iskrittura ta' bejniethom, xi ħaġa li fil-fatt ma kinitx saret.

Tqis illi l-aġir tal-atturi fir-rigward tat-tpartit tal-jet ski bħala wieħed rivelatorju u li ċertament jinċidi fuq il-kredibbiltà tax-xhieda tagħhom, bl-ingann tagħhom li fil-fatt ġie mikxuf mill-mechanic Jamie Curmi, li din l-Qorti ma tarax għalxiex m'għandhiex temmnu.

Tqis ukoll illi kieku l-konvenut tassew kellu ħsieb iqarraq bl-atturi, il-konvenut ma kienx jagħmel ftehim fejn il-ħlas tal-bilanċ kien mifrux fuq tlettax (13)-il pagamenti mensili, imma kien jipprova jeħles mill-atturi mill-ewwel.

Tqis bħala inverosimili u mhux kredibbli x-xhieda tal-ħbieb tal-atturi fejn qalu li semgħu eżatt l-istess kliem mill-konvenut li l-mutur kien e-tech, bil-flaps jinżlu u tas-sena 2003, meta ma kienx hemm għalfejn li l-konvenut joqgħod jirrepeti dak id-diskors ta' kull darba. Il-Qorti lanqas mhi konvinta li l-atturi u l-ħbieb tagħhom u għarajjes tagħhom użaw id-dgħajsa darbtejn biss u li d-difetti kienu moħbija fil-mutur tad-dgħajsa meta sar l-bejgħ. Peress li huma l-atturi li kellhom fuqhom l-oneru li jippruvaw dak illi allegaw, għax kif inhu risaput min jallega irid jipprova hu dak li jiġi allegat minnu jew onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 u kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna b'mod kostanti, l-atturi madankollu ma laħqux il-grad ta' prova rikjest mil-liġi u għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda fil-mertu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. L-atturi ppreżentaw din il-kawża sabiex jirrexxindu kuntratt ta' bejgħ ta' dgħajsa li kien sar bejn il-partijiet fil-31 ta' Lulju 2014 għaliex skont huma d-dgħajsa mhijiex tal-kwalità patwita, u inoltre kellha difetti latenti li l-konvenut kien jaf bihom iżda li naqas li javżahom dwarhom. L-atturi jsostnu li d-dgħajsa inkwistjoni kellha *sticker* li kienet tindika li l-magna tad-dgħajsa kienet "*e-tech*" (u ċioè taħdem b'sistema ta' *fuel injection*) iżda eventwalment kien irriżultalhom li ma kienx minnu li l-magna kienet *e-tech.* Jgħidu wkoll li d-dgħajsa kellha difett latenti tant li kien

irnexxielhom jużawha darbtejn biss għaliex il-magna ma kinitx tistartja mill-ewwel.

11. Il-Qorti tosserva li l-iskrittura tal-31 ta’ Lulju 2014 kienet skrittura sempliċi u informali magħmula mill-partijiet bil-kitba fuq folja minn ktieb ta’ riċevuti, fejn ġie dikjarat li d-dgħajsa kienet qed tinbiegħ *tale quale.* Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li ma ġietx inkluża f’din l-iskrittura deskrizzjoni tal-magna jew tal-mod kif taħdem ma jeskludix neċessarjament it-teżi tal-atturi li huma kienu mingħalihom qed jixtru dgħajsa b’magna *e-tech.* Però, ġaladarba dan il-fatt ma jirriżultax mill-iskrittura, l-atturi kellhom iressqu prova sodisfaċenti li d-dgħajsa ġiet mibjugħa lilhom speċifikatament bħala dgħajsa b’magna *e-tech.*

12. Wara li għarblet bir-reqqa l-atti tal-kawża, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li dan l-atturi m’għamluhx. Ibda billi jingħad li għalkemm l-atturi jgħidu li kien hemm *sticker* fuq id-dgħajsa li kienet tindika li l-magna kienet *e-tech*, ma ġie prodott l-ebda ritratt ta’ din l-*isticker* sabiex jikkorrobora x-xhieda tal-atturi. Barra minn hekk, il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-atturi ma kinux xhieda affidabbli. L-ewwel nett, din il-Qorti tqis inverosimili li d-dgħajsa mertu ta’ dawn il-proċeduri tant kienet qed tagħti problemi lill-atturi li spiċċaw użawha darbtejn biss, u dan fid-dawl tal-fatt li l-atturi għamlu ħlas ta’ elf ewro (€1,000) f’Ottubru 2014 akkont tal-prezz (ara l-kopja taċ-ċekk relattiv a

*fol.* 10). Fil-fehma tal-Qorti huwa assolutament inverosimili li l-atturi kienu ser jagħmlu dan il-ħlas fl-aħħar tas-sajf kieku kien minnu li kien irnexxielhom jużaw id-dgħajsa darbtejn biss u d-dgħajsa kienet qed tagħtihom il-problemi kollha li qed jallegaw.

13. Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' Jamie Curmi li spjega kif huwa kien inizjalment gideb lill-konvenut dwar l-estent tal-ħsarat li kellu l-*jet ski,* li kien ġie mpartat akkont tal-prezz tad-dgħajsa, u dan fuq struzzjonijiet tal-atturi. Il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-veraċita tat-testimonjanza ta' dan ix-xhud tiġi ddubitata, partikolarment ikkonsidrat li huwa xhud indipendenti, li m'għandu l-ebda relazzjoni mal-partijiet jew in-negozju konkluż bejniethom. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda ta' Curmi hija prova ċara tan-nuqqas ta' affidabilità tal-atturi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva li ma taqbilx mal-argument magħmul mill-atturi fir-rikors tal-appell tagħhom li huma kienu qalu lill-konvenut li l-*jet ski* kellu l-ħsara, għaliex fl-iskrittura ġie ndikat li kien jissewwa, u li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-atturi kienu qarrqu bil-konvenut dwar il-*jet ski.* Il-Qorti tosserva li l-argument tal-konvenut qatt ma kien li l-atturi ma kinux qalulu li l-*jet ski* kellu l-ħsara. L-argument tal-konvenut kien sewwasew li l-atturi kienu qalulu li l-*jet ski* kellu ħsara minima, meta fil-verità rriżulta li l-*jet ski* kellu ħsara sostanzjali fil-magna li kienet tirrikjedi bejn elfejn jew tlett elef ewro biex tissewwa (*fol.* 70), fatt li l-atturi talbu lil Curmi sabiex jigdeb dwaru.

14. Fir-rigward tal-argument tal-atturi li l-konvenut kien *in mala fede* għax ippreżenta rapport ta' *surveyor* li mhux komplut, il-Qorti tosserva li dan ir-rapport kien ġie preżentat mill-Inġinier Joseph Amato fil-5 ta' Ġunju 2015, li kien xehed *viva voce* u spjega l-kontenut tar-rapport tiegħu. Min-naħa tagħhom l-atturi qatt ma għamlu kontro-eżami ta' dan ix-xhud, u lanqas ma kkontestaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jew b'mod ieħor quddiem l-Ewwel Qorti dan ir-rapport, jew sostnew li l-konvenut kien *in mala fede* meta ppreżentah għaliex mhux komplut. Għalhekk mhuwiex permissibbli għalihom li jqajmu din il-materja ġdida fi stadju tal-appell, kif sewwa argumenta l-konvenut. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tosserva li dan l-argument tal-atturi huwa bla siwi għaliex la l-Inġinier Amato u lanqas il-konvenut ma ħbew il-fatt li d-dgħajsa kienet ġiet eżaminata fuq l-art biss, u li ma kienx sar *water test* tagħha biex jiġi eżaminat kif taħdem. Inoltre, il-Qorti tosserva li ġaladarba huma l-atturi li qed jallegaw li d-dgħajsa hija afflitta minn xi difett u li mhijiex tal-kwalità patwita, kien jinkombi fuq l-atturi li jressqu prova sodisfaċenti dwar dan. Wara li rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet, il-Qorti tqis li l-atturi ma ssodisfawx l-oneru tal-prova impost minnhom mil-liġi u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet it-talbiet tagħhom

15. Għaldaqstant l-appell tal-atturi qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm